

22005D0460

L 164/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

24.6.2005

**DEĊIŻJONI Nru 4/2005 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI ACP-KE****tat-13 ta' April 2005****dwar l-użu tar-riżerva tad-dotazzjoni għall-iżvilupp fit-tul tad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp**

(2005/460/KE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI ACP-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE ffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000, u b'mod partikolari l-paragrafu 8 ta' l-Anness I tiegħu,

Billi:

(1) Il-fondi għall-Assemblea Parlamentari Konġunta taħt id-dotazzjoni għall-iżvilupp fit-tul tad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) u għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali huma eżawriti.

(2) Sabiex tiġi żgurata t-tkomplija ta' l-implimentazzjoni għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 17 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE (Assemblea Parlamentari Konġunta), huwa xieraq li jiġu allokati riżorsi supplimentari.

(3) Sabiex ikunu żgurati kontributi għall-isforzi fil-bini ta' kapaċitajiet fil-qasam ta' l-immaniġġjar ambjentali u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, l-istabbiliment ta' Pjan ta' Azzjoni ACP-UE għall-Infurzar tal-Liġi tal-Forestrija, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT), u t-tiżiħ ta' l-immaniġġjar tas-sajd fil-Pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (ACP), huwa xieraq li jiġu allokati riżorsi supplimentari għal dan il-għan.

(4) Sabiex jiġi żgurat is-sostenn għall-produtturi fil-pajjiżi ta' l-ACP l-iżjed dipendenti fuq il-materjali primarji, biex titjeb il-kompetittività u tonqos il-vulnerabbiltà, u biex jiġu promossi t-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni fil-pajjiżi ta' l-ACP, huwa xieraq li jiġu allokati riżorsi supplimentari għal dan il-għan.

(5) Sabiex jiġi żgurat is-sostenn metodoloġiku u l-bini ta' kapaċitajiet fil-qasam tal-migrazzjoni u l-kooperazzjoni reġjonali, b'enfażi fuq il-migrazzjoni Nofsinar-Nofsinar, huwa xieraq li jiġu allokati riżorsi supplimentari għal dan il-għan.

(6) Sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni iktar mill-qrib ma' dawk l-organizzazzjonijiet tan-NU li l-mandat u l-kapaċitajiet tagħhom jaqblu mal-prijoritajiet tal-politika ta' żvilupp ta' l-ACP-KE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-governanza u s-sitwazzjonijiet ta' wara l-konflitti, u jitjeb l-impatt ta' attivitajiet intra-ACP, huwa xieraq li jiġu allokati riżorsi supplimentari għal dan il-għan.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1***Assemblea Parlamentari Konġunta**

Ammont ta' EUR 2 miljun għandu jiġi trasferit mir-riżerva tad-dotazzjoni għall-iżvilupp fit-tul tad-disa' EDF lejn l-allokazzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta taħt id-dotazzjoni għall-iżvilupp fit-tul, skond il-finijiet imsemmija fl-Artikolu 17 u l-Protokoll 1 għall-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE.

*Artikolu 2***Kooperazzjoni Intra-ACP taħt id-dotazzjoni għal kooperazzjoni reġjonali**

Ammont ta' EUR 170 miljun għandu jiġi trasferit mir-riżerva tad-dotazzjoni għall-iżvilupp fit-tul tad-disa' EDF lejn l-allokazzjoni għall-kooperazzjoni intra-ACP taħt id-dotazzjoni għall-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali, skond il-finijiet imsemmija fl-Artikoli 28, 29 u 30 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE. Dan l-ammont jista' jintuża għall-finijiet li ġejjin:

- (a) riżorsi naturali (EUR 60 miljun), għal azzjonijiet fil-qasam ta' l-ambjent u r-riżorsi naturali (inkluż is-sajd, il-valutazzjoni xjentifika u teknika, il-kontroll u s-sorveljanza);
- (b) sostenn għas-settur privat u t-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni (EUR 65 miljun), għal azzjonijiet biex isostnu l-produtturi fil-pajjiżi ta' l-ACP l-iżjed dipendenti fuq il-materjali primarji u biex jiġu promossi t-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni fil-pajjiżi ta' l-ACP;
- (ċ) sostenn metodoloġiku u bini ta' kapaċitajiet (EUR 25 miljun), inter alia, għall-istabbiliment ta' faċilità intra-ACP għall-bini ta' kapaċitajiet fil-qasam tal-migrazzjoni;
- (d) sħubija strateġika man-NU u sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi intra-ACP (EUR 20 miljun), għat-tisħiħ tal-koooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tan-NU l-aktar qrib il-prijoritajiet tal-politika ta' żvilupp ACP-KE, b'mod partikolari fl-oqsma ta' governanza u sitwazzjonijiet ta' wara

l-kunflitti, u ħtiġijiet ġodda biex jitjeb l-impatt ta' attivitajiet intra-ACP.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

L-Ordinatur Ewlieni ta' l-EDF huwa mitlub jieħu l-miżuri meħtieġa biex jingħata effett lil din id-Deċiżjoni, li għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, 13 ta' April 2005.

*Il-President tal-Kumitat ta' l-Ambaxxaturi  
ACP-KE b'delega, għall-Kunsill tal-Ministri  
ACP-KE*

F.J. WAHNON FERREIRA